MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1316/2004

**Mobisle Comunications Limited**

**Vs**

**Aref Baker Ebachim Muhammed**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-isimijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Gunju, 2004 fejn talab lill-konvenut ghandu jigi kkundannat li jhallas is-somma ta’ mitejn u hmistax-il lira u hamsa u tletin centezmu (Lm215.35) rapprezentanti l-ammont li ghadu dovut minnu in konnessjoni ma’ servizzi lilu rezi skond client contract number 8118 u dana ghax-xhur bejn April 2003 u Awissu 2003.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta inkontestazzjoni.

Ra u semgha l-konferma tal-PL Peter Sammut ghan-nom tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma mitluba ta’ mitejn u hmistax-il lira u hamsa u tletin centezmu (Lm215.35) bl-ispejjez inkluza din tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu, 2003 u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-lum kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------